MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 123/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Renald Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Renald Cutajar talli f'Lulju 2001:

a) minghajr setgha skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Stephanie Zaffarese ta' 14 il-sena, sabiex igieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

b) fil-pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku, bil-vjolenza ikkommetta stupru fuq il-persuna ta’ Stephanie Zaffarese ta’ 14 il-sena;

c) fil-pubbliku jew post espost ghall-pubbliku, b’eghmil zieni ikkorrompa lill-istess Stephanie Zaffarese ta’ 14 il-sena;

d) fl-ahhar tall b’hekk irrenda ruhu recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (9/12/94) (29/4/97) etc.., li saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Mejju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-appellat (allura imputat) hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u ghalhekk illiberatu minn dawn l-imputazzjonijiet;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali tad-9 ta’ Gunju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza, issib htija fuq l-imputazzjonijiet kollha u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Settembru 2004 Dott. Joseph Giglio ghall-appellat Renald Cutajar eccepixxa l-inappellabilita` tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti fuq il-bazi ta' l-artikolu 413(1)(b)(iii) indikat fir-rikors ta' appell;

Rat il-verbal ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellant fl-istess seduta fejn iddikjara li l-artikolu citat fir-rikors ta' appell huwa zbaljat u dan biss minhabba *lapsus calami* peress li l-artikolu proprju huwa l-artikolu 413(1)(c) kif jidher car minn dak indikat fl-istess paragrafu fejn jidher li l-appell qieghed jigi bazat fuq kwistjoni ta' apprezzament ta' provi;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellant u ta' Dott. Joseph Giglio ghall-appellat dwar din l-eccezzjoni preliminari;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li f'kazijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' proceduri sommarji ghal reati li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taht is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 370, l-Avukat Generali jista' jappella meta l-piena moghtija minn dik il-Qorti tkun, minhabba fix-xorta jew kwantita` taghha, differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-parti misjuba hatja tkun inghatat sentenza. Billi fil-kaz in ezami l-pieni ghar-reati addebitati lill-appellant huma akbar minn dawk indikati fl-imsemmi subartikolu (1) ta' l-artikolu 370 tal-Kap. 9, id-difensur ta' l-appellat issottometta li l-Avukat Generali ma setax jappella a bazi ta' l-artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kap. 9.

Id-difensur ta' l-appellant stqarr li dan huwa kaz evidenti ta' *lapsus calami* peress li l-aggravju tieghu huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u li l-appell tieghu huwa konsegwentement ibbazat fuq l-artikolu 413(1)(c) tal-Kap. 9.

Din il-Qorti diversament presjeduta diga` kellha okkazjoni tirrimarka li *"zball f'rikors ta' appell kriminali huwa rettifikabbli meta jidher car li si tratta ta' semplici 'lapsus calami' u mhux ta' nuqqas sostanzjali"*[1].

Fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda dubju li r-rikors ta' appell huwa bbazat kompletament fuq allegat apprezzament zbaljat tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti u l-appellant qieghed ghalhekk jitlob li din il-Qorti taghmel apprezzament mill-gdid taghhom. L-Avukat Generali nghata d-dritt li jappella fuq din il-bazi meta gie sostitwit is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 413 tal-Kap. 9 permezz ta' l-Att III tas-sena 2002 u bl-introduzzjoni f'dak is-subartikolu tal-paragrafu (c).

Inoltre ghall-validita` ta' rikors ta' appell m'hemm l-ebda obbligu li jigi citat l-artikolu li fuqu huwa bbazat l-appell.

[1] Ara Appelli Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Cini**, 23 ta' April 1992, Vol. LXXVI.v.799; **Il-Pulizija vs Joseph Cumbo**, 15 ta' Frar 1958, Vol. XLII.iv.1260.

Difatti l-artikolu 419 tal-Kap. 9 jipprovdi li r-rikors, barra mill-indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita`: *"(a) il-fatti fil-qosor; (b) ir-ragunijiet ta' l-appell; (c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri"*.

Fil-kaz odjern ghalhekk, il-fatt li fir-rikors ta' appell il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 413 gie sostitwit, evidentement bi zball, bil-paragrafu (b)(iii) ma jistax jitqies bhala xi nuqqas sostanzjali u si tratta biss ta' semplici *lapsus calami* u b'hekk zball rettifikabbli.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-appellat, tordna l-korrezzjoni tar-rikors ta' appell billi fl-ewwel faccata ta' dak ir-rikors fit-tielet paragrafu l-artikolu citat bhala l-artikolu 413(1)(b)(iii) jigi sostitwit bl-artikolu 413(1)(c), u tordna inoltre l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------